Ref: 24/6/194/13

KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

**Minuti tal-Laqgha Nru. 24 tas-Sitt Legislatura**

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgha 10 ta' Lulju 2013. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsillier Tyrone Muscat u l-Kunsilliera Rita Delezio.

Il-Vici-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Ray Attard u l-Kunsillier Steve Axisa kienu skuzati. Il-membri tal-Kunsill accettaw li jkunu skuzati fuq ragunijiet personali.

Kien hemm prezenti wkoll l-*Acting Secretary* Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

**1) Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru .22 tas-Sitt Legislatura**

**Materji Konnessi**

1.1 – Re: Item 2 – Is-Sindku qal li ghandna appell fuq it-tender no 03/13 *Cleaning f Public Convenience* minghand Absolute Cleaners Ltd.

1.2 – Dawn il-Minuti gew approvati nem.com.

**Minuti tal-Laqgha Nru .23 tas-Sitt Legislatura**

1.3 – Dawn il-Minuti ser jigu diskussi fl-laqgha ohra tal-Kunsill.

**2) Korrispondenza**

2.1 – Ittra mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali Dwar Memo 15/2013 dwar l-Uzu tal-*Internet Banking.*

2.2 – Ittra mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali Dwar Memo 16/2013 dwar kontribut finanzjarju ta' Kunsill Lokali ghall-xiri ta' materjal edukattiv ghall-iskejjel.

2.3 – Ittra mis-Socjeta' Filarmonika 11 ta' Frar - Is-Segretarju, is-Sur Mark A.Ferris baghat ittra dwar attivita' li ser issir fid-9 ta' Awissu 2013 mis-Socjeta' fit-toroq ta' Rahal Gdid fejn talab biex il-permessi mal-Pulizija jsiru min-naha tal-Kunsill Lokali. Gie deciz li ssir laqgha mas-Segretarju tas-Socjeta'.

2.4 – Ittra minn Micallef & Ellul Advocates dwar klijent taghhom li joqghod fi Triq ic-Cimiterju, Paola u qed isib diffikulta' biex jidhol u johrog mill-garaxx.

2.5 – Ittra mill-Mepa dwar il-*Local Plan for Paola* – Is-Sur Johann Buttigieg baghat ittra lil Kunsill biex il-Kunsill ikun jista' jaghti s-suggerimenti tieghu dwar kif ha jkun zviluppat Rahal Gdid aktar 'l quddiem.

2.6 – Ittra mill-Kazin PN Paola – Il-President, is-Sinjura Carmen Vella baghtet ittra biex fil-jiem tal-Festa Kristu Re 2013 ma jintramawx stands bl-ikel jew xorb minhabba li dan jista' jfixkel l-operat tal-Kazin stess minhabba l-irwejjah ta' l-ikel u duhhan li jista' jidhol mill-aperturi jew minhabba li jinghalaq l-access ghad-dhul u l-hrug fil-kazin.

2.7 – Ittra mill-Kummissjoni Festa Kristu Re – Paola – Is-Segretarju, is-Sur John Abela baghat ittra bil-programm tal-Festi Esterni 2013 bid-dettalji u l-hinijiet tal-attivitajiet ta' matul il-gimgha tal-Festa.

2.8 - Is-Sindku qal li saret laqgha flimkien mal-Avukat tal-Kunsill Dr Luciano Busuttil mas-sidien tal-gabbani li jarmaw fil-Festa ta' Kristu Re u sar xi caqliq fil-postijiet u li l-gabbani tal-ikel ser jarmaw fil-pjazzetta z-zghira hdejn Triq Hal Saflieni.

2.9 – Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn ser issir *Press Conference* fuq l-Ipogew ta' Hal Saflieni u ser isir restawr mill-fondi tal-Unjoni Ewropeja.

**3) <u>Jum Paola / Gieh Paola</u>**

3.1 – Saret diskussjoni dwar l-attivitajiet f'Jum Paola. Is-Sindku qal li rcevejna l-ittri u ghall-Gieh Paola gew nominati s-Sinjura Joyce Sant mic-Centru Laburista Paola, Dr,Emmanuel Buttigieg mill-Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan Banda Paola, is-Sur Jesmond Abela mill-Hibernians Supporters club, is-Sinjura Carmen Vella mill-Kazin PN Paola, is-Sur Frankie Grech mis-Socjeta' Filarmonika G.M. Fra Antoine De Paule u s-Sur Emmanuel Pace mill-MUSEUM tas-Subien Paola.

3.2 – Is-Sindku ppropona li s-Sur Edward Cole jinghata Gieh Paola.

3.3 – Wara diskussjoni, gie deciz li Gieh Paola 2013 tinghata lis-Sur Edward Cole u lis-Sur Emmanuel Pace.

3.4 – Gie deciz ukoll li s-Sur Mario Morales, is-Sur Jesmond Abela, t-team tal-Hibs Futsal, Hibs Club ghar-rebha tat-Trophy, t-team tal-Hibs Basketball, l-Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan Banda Paola, s-Socjeta' Filarmonika G.M. Fra Antoine De Paule ser jinghataw rikonoxximent. Il-kappillan ta' Lourdes, Dun Christopher Galea ser jinghata token tas-servizz li ta lill-parrocca minhabba li ser jintemm is-servizz tieghu bhala Kappillan f'din il-parrocca.
Patri Gwakkin jinghata rikonoxximent ghas-servizz li ta fil-Komunità, u fil-Kunvent tà Ghajn Dwieli.

**4) Mepa Local Plan**

4.1 – Dan is-suggett gie diskuss f'item 2 fil-Korrispondenza.

**5) Monument *Catch the Drop***

5.1 – Is-Sindku qal li l-Ministru tal-Energija Konrad Mizzi jixtieq li f'Settembru li gej fil-bidu tas-sena skolastika jsir monument li jirrapprezenta l-konsum tal-Ilma fi Gnien Pawlu Boffa. Wara diskussjoni, sar qbil li dan isir flok il-funtana.

5.2 – Il-Kunsilliera Delezio ppproponiet li ssir irhama taht il-Monument bl-ismijiet kollha tal-kunsilliera sa mill-bidu nett tal-kunsill fl-okkazjoni tal-20 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

**6) Festa**

6.1 – Dan is-suggett gie diskuss f'item 2 fil-Korrispondenza.

**7) *Schedule of Payments***

7.1 – Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ghas-somma ta' €55,870.78

7.2 – **Re cekk nru 5354** – Dan il-pagament ser jigi kkancellat minhabba li bi zball ntbaghat lil kunsill Lokali Paola.

7.3 – Is-Segretarju talab permess biex iz-zewg pagamenti tal-ikliet tal-At Fort li jammonta ghall-€1,478 u Hybrid Parks li jammonta ghall-€1,325 ikunu approvati. Il-membri approvaw.

7.4 – Il-membri approvaw is-somma ta' €58,583.78

**8) Aggornament**

8.1 - Il-Laqgha giet maghluqa fit-8.00pm u aggornata ghal nhar l-Erbgha ~~10~~ 7 ta' Awissu 2013 fis-6.00pm.

Approvati llum 7-8-13

Kevin Borg

Acting Secretary

Roderick Spiteri

Sindku